**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 57/15 AL

**AB**

**vs**

**Avukat Dr Joseph Ellis u l-PL Joeline Pace Ciscaldi b'digriet tal-15 ta' April 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD (I.D. 0024907 A)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Lulju 2002 fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dan kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg hawn anness li jgib in-numru 1191/2002 u markat Dokument ittra A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut versu martu u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza;

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma saritx u dan peress illi l-konvenut huwa assenti minn Malta, kopja tad-digriet qeghda tigi hawn annessa u markata Dok B;

Talbet ghalhekk ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;
2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet ta' l-istess attrici u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalitajiet ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi wkoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut;
3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni;
4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;
5. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u PL Joeline Pace Ciscaldi, li in forza taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Abdallah Ahmad Nawafleh m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat ir-rikors illi ghamlet l-attrici fid-9 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu talbet illi l-kawza odjerna tigi konvertita f'kawza ta' divorzju.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu laqghet it-talba sabiex b'hekk f'dawn il-proceduri it-talba ghal separazzjoni personali bejn il-partijiet giet mibdula ghal talba ghall-hall taz-zwieg (divorzju);

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali li giet mibdula f' talba ghal divorzju bejn il-partijiet, relatat maz-zwieg li sehh fit-22 ta' Lulju 2002. Min-naha taghha l-attrici qeghda tghid li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet li huma imputabbli lill-konvenut senjatament

minhabba l-abbandun, effettivament il-konvenut huwa assenti u hu rapprezentat mill-kuraturi deputati.

Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

**<u>Verzjoni ta' l-attrici</u>**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit[1] li fih l-attrici taghti d-dettalji kollha dwar kif il-partijiet izzewgu u dwar kif iz-zwieg sussegwentement tkisser. L-attrici tghid li hija zzewget lill-konvenut fit-22 ta' Lulju 2002 u minnufih il-partijiet marru jghixu fid-dar tal-genituri ta' l-attrici. Hi zzid tghid li l-partijiet kellhom problemi ta' kompatibbilita' minhabba li kienu ta' religjonijiet differenti. Lejn Settembru 2002 l-attrici saret taf li l-konvenut kien mizzewweg ma' mara ohra fil-Libja u kellu erbat itfal minnha u kif l-attrici infurmat lill-genituri taghha b'dan inqala l-inkwiet, u peress li l-attrici hasset li ma setghetx tibqa' tghix f'dik li ssejhilha hi bhala gidba, hija ikkonfrontat lil zewgha u nqalghet glieda kbira. Fil-fatt il-konvenut telaq dak in-nhar stess mid-dar matrimonjali. L-attrici ma tafx fejn telaq, pruvat iccempillu u tfittxu izda kien kollu ghalxejn, salv li ratu biss xi darbtejn meta kienet tiltaqa' mieghu b'kumbinazzjoni u issuggerietlu li jisseparaw, izda l-konvenut qatt ma xtaq li jisseparaw. L-attrici tghid li ma hemm l-ebda assi in komun bejn il-partijet. L-attrici tghid li peress li xtaqet tkompli b'hajjitha, fis-sena 2007 iddeciediet li tmexxi bis-separazzjoni tal-beni ghand Nutar. L-attrici tghid li ma tafx fejn hu l-konvenut u dan peress li wara li l-partijiet iffirmaw is-separazzjoni tal-beni qatt ma regghu ikkomunikaw bejniethom. L-attrici tghid li r-ragel taghha qatt ma

---

[1] Ezebit a fol 34 tal-process

mantniha izda hija llum f'qaghda li tmantni lilha nfisha. Hija kellha erbat itfal lkoll mhux mir-ragel taghha u llum tghix ma' uliedha u l-*partner* taghha.

**Provi migbura quddiem il-Qorti**

L-attrici tipprezenta kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ippubblikat min-Nutar Carmel Gafa datat 2 t'Awissu 2007 li sar bejn il-partijiet[2], tipprezenta wkoll erba' certifikati tat-twelid tat-tfal, Lorna mwielda fl-10 t'April 2000[3], Sven imwieled fit-3 ta' April 2004[4], Haylee imwielda fid-29 ta' Mejju 2005[5] u Chikane-Jo imwlied fit-3 ta' Jannar 2012[6].

L-attrici ipprezentat ukoll affidavit ta' Laurence Mangion[7] li jghid li huwa jigi hu l-attrici u  jghid li l-attrici qatt ma infurmatu biz-zwieg mal-konvenut izda infurmatu ommu u qal li kienu qeghdin jghixu mal-genituri tieghu. Huwa kien imur ghand il-genituri tieghu u rari kienu  jaraw lill-konvenut id-dar, fil-fatt hu jghid li ma kienx jafu sew. L-attrici stqarret mieghu li ma kenitx kuntenta fiz-zwieg taghha ghaliex il-konvenut kien inbidel hafna u qatt ma kien jaghtiha flus. Huwa jghid li l-attrici ghamlet zmien tipprova tfittxu izda ma rnexxilhiex u li huwa qatt ma ra izjed lill-konvenut minn mindu telaq lil ohtu.

L-attrici ipprezentat rikors biex  il-Qorti tordna li l-kawza ta' separazzjoni personali tigi konvertita f'wahda ta' divorzju[8] u fil-fatt l-attrici terga' tixhed permezz ta' affidavit[9] u ikkonfermat li

---

2 Ezebit a fol 36 tal-process u immarkat bhala Dok A

3 Ezebit a fol 40 tal-process u immarkat bhal Dok B

4 Ezebit a fol 41 tal-process u immarkat bhala Dok C

5 Ezebit a fol 42 tal-process u immarjat bhala Dok D

6 Ezebit a fol 43 tal-process u immarkat bhala Dok E

7 Affidavit ezebit a fol 46 tal-process u immarkat bhala Dok LM

8 A fol 2 tal-process allegat mal-kawza u numerat bhala 57/15/2AL

9 Ezebit u immarkat bhala Dok MM fil-process allegat mal-kawza u numerat bhala 57/15/2AL

ilha iktar minn erba' snin separata *de facto* minn mal-konvenut, li l-erbat itfal li ghandha m'humiex it-tfal tal-konvenut, li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw u li m'ghandha l-ebda pretensjoni ta' manteniment minghand il-konvenut.

**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

Fir-rikors guramentat u fl-affidavit taghha, l-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha fuq l-abbandun min-naha tal-konvenut. Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk :

"*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba"*.

Permezz ta' l-affidavit taghha, l-attrici tiddikjara li l-konvenut telaqha wara ftit gimghat li kien ilhom jghixu bhala koppja mizzewga fid-dar tal-genituri taghha, u dan f'Settembru 2002. L-attrici tghid li l-ahhar li rat lill-konvenut kien fis-sena 2007 u minn dak in-nhar il-quddiem ma tafx x'gara izjed minnu. Din il-kawza giet intavolata fis-17 ta' Marzu 2013 u ghalhekk wara s-sentejn li jsemmi l-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u s-sitwazzjoni matrimonjali fil-kaz in ezami fil-gurnata odjerna ma nbidlitx u l-abbandun ghadu jissussisti anke pendenti dawn il-proceduri u dan wara li ghadda t-terminu operattiv tas-sentejn imsemmi fil-Ligi.

Illi rrizulta li l-konvenut qabad u arbitrarjament telaq mid-dar matrimonjali u ilu ghalhekk nieqes minn din id-dar matrimonali sa mis-sena 2002. Il-Qorti m'ghandha l-ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikajra wkoll li m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex fic-cirkostanzi taghti kredibilita'

shiha lill-verzjoni ta' l-attrici. Il-konvenut lanqas ma ressaq provi sodisfacjenti li jirrendu l-abbandun tieghu mid-dar matrimonjali bhala wiehed legali jew li sar ghal xi raguni valida. Anzi jidher li dan l-abbadun kien ibbazat fuq argument li nqala wara li l-attrici saret taf li allegatament il-konvenut kellu familja ohra f'pajjizu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, u wara li qrat l-affidavit ta' l-attrici li ma hux kontradett mill-konvenut, tara li jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment tort tal-konvenut minhabba abbandun.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici ghaliha nnifisha**

Rigward it-talba ghall-manteniment tal-attrici, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi dwar il-qliegh ta' l-attrici. Madanakollu l-Qorti osservat li l-attrici tghix ma' uliedha u ghandha sieheb, kif ukoll xehdet fit-tieni affidavit taghha prezentat fl-1 ta' Dicembru 2015 li m'ghandha l-ebda pretensjoni ta' manteniment minghand il-konvenut u li qeghda tahdem biex tghajjex lil uliedha. Ghalhekk il-Qorti tqis li tenut kont li l-attrici qeghda tahdem u fuq dikjarazzjoni taghha stess regghet bniet hajjitha mill-gdid, allura llum ghandha certa grad ta' indipendenza. Tenut kont ukoll li l-attrici ghadha zghira u ghandha potenzjal li tkompli tahdem u taqla' flusha, il-Qorti mhux se tillikwida ammont ta' manteniment x'jinghata lill-attrici minghand il-konvenut.

Izda, fin-nuqqas ta' provi li juri li l-attrici ma tistax tahdem minhabba ragunijiet medici, u wara li l-Qorti ukoll ikkunsidrat in-nuqqas ta' prova ta' introjtu tal-konvenut u wkoll l-eta' zghira ta' l-attrici, l-Qorti thoss li *rebus sic stantibus* mhux il-kaz li jigi komputat manteniment ghall-attrici minghand il-konvenut izda l-Qorti tafferma illi tenut kont li l-parti hatja tas-separazzjoni hija l-konvenut, l-attrici jkollha dritt li tezigi manteniment minghand il-konvenut ghaliha kemm il-darba din tisfa' bla mezzi adegwati

ghall-ghejxien taghha ghal ragunijiet li ma jkunux fil-kontroll taghha.

**<u>Dwar id-dekadenza tal-konvenut</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat fil-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" minhabba l-abbandun totali li huwa ikkommetta u ghalhekk tara li hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigu applikati kontra l-istess konvenut id-

disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra, m'hemm l-ebda prova dwar ix-xenjari jew ic-cirkustanzi msemmija fl-Artikolu 40 u ghalhekk, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dwar it-talba ghad-divorzju bejn il-partijiet**

Illi jirrizulta ampjament li l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba' snin *de facto* separati minn xulxin u dan senjatament kif ippruvat mill-attrici li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Settembru 2002, ghalhekk aktar minn erba' snin ilu. Ma jirrizultax lanqas li kien hemm xi talba ghal manteniment u allura ma hemmx manteniment x'jithallas bejn il-partijiet u jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-attrici li l-partijiet mhux se jirrikonciljaw bejniethom u dan kif ukoll kif xehdet l-attrici fis-sens li l-ahhar li semghet minghand il-konvenut kien fis-sena 2007 meta huma iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni. Ghalhekk peress li jissussistu r-rekwiziti ai termini ta' l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din it-talba jisthoqqilha li tigi milqugha.

**Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi l-attrici ma gabet l-ebda prova ta' assi li jiffurmaw il-komunjoni ta' l-akkwisti u qalet fl-affidavit taghha illi ma jezistu l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti, ghalhekk il-Qorti ma tistax taghmel l-ezercizzju li taqsam l-istess komunjoni, madanakollu din it-talba jisthoqqilha akkoljiment in kwantu li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tiddikjara li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun da parti tal-konvenut;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni hawn fuq intestata *Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici ghaliha nnifisha*;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif stabbiliti fl-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' limitatament r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti;

5. Tilqa' t-talba maghmula mill-attrici fir-rikors datat 9 t'Ottubru 2015 u tippronunzja d-divorzju bejn l-partijiet u tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-22 ta' Gunju 2002 ai termini ta' l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati biex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

6. Tilqa' l-hames talba;

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.